Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/850

11.3.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/850**

**tas-7 ta' Marzu 2024**

**li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Daniż,

Wara li kkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(2) tat-Trattat, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-impjegati, u ta' partijiet oħra li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fl-oqsma soċjoekonomiċi, ċiviċi, professjonali u kulturali.

(2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1392 ([2]), li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Bente SORGENFREY, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

(4) Il-Gvern Daniż ippropona lis-Sa Kristina AALTONEN, *EU-konsulent hos Danmarks Lærerforening (DLF) og leder af Danske Lærerorganisationer Internationals kontor (DLI), Fagbevægelsens Hovedorganisation (FH)* (Konsulent tal-UE fil-Union Daniża tal-Għalliema (DLF) u kap tal-uffiċċju tat-Trade Unions tal-Għalliema Daniżi (DLI), Konfederazzjoni tat-Trade Unions Daniżi (FH)), bħala membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Kristina AALTONEN, *EU-konsulent hos Danmarks Lærerforening (DLF) og leder af Danske Lærerorganisationer Internationals kontor (DLI), Fagbevægelsens Hovedorganisation (FH)* (Konsulent tal-UE fil-Union Daniża tal-Għalliema (DLF) u kap tal-uffiċċju tat-Trade Unions tal-Għalliema Daniżi (DLI), Konfederazzjoni tat-Trade Unions Daniżi (FH)), hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 15.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1392 tat-2 ta' Ottubru 2020 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020 (ĠU L 322, 5.10.2020, p. 1).

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
D. CLARINVAL